**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 17/07 - 26 ta' Marzu 2014 - 17:30PM**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *5.55pm* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *skuzat* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *MILLICENT SCERRI* | *AMBAXXATRIĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ* | |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINĊIPAL* | |

**AĠENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti)
4. Aġġudikar ta' Tenders
5. Rapport mill-Kunsillieri
6. Ħwejjeġ Oħra
7. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tal-Laqgħa ta' **nhar l-Erbgħa 26 ta' Frar, 2014 fil-5.30pm** ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

iii Il-Minuti tal-Laqgħa Straordinarja ta' **nhar il-Ġimgħa 7 ta' Marzu, 2014 fil-5.30pm, 2014 fis-6.00pm** ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

iv Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i. Rigward id-diskrepanzi fil-prezzijiet minn dawk ikkwotati fit-tenders tal-kuntratti preċedenti tal-iskips u tal-konkos, is-Sindku nforma lill-Kunsill li laqgħa li kellha ssir ġiet posposta għal nhar l-1 ta' April 2014 hija peress li l-Kuntrattur ma setgħax jattendi. L-Avukat tal-Kunsill flimkien mal-Avukat u l-Kuntrattur in kwistjoni ikkonfermaw li ser jattendu sabiex jiġi diskuss dan il-każ. Diskrepanzi fil-prezzijiet – skips u konkos

ii. Is-Seg. Eżek. spjega li x-xogħol ta' major patching fi Triq Santa Marija fil-parti bejn Triq B'Buġia u k/m Vjal Simmons inbeda u miexi kollox kif miftiehem. Huwa kompla jgħid li fil-jiem li ġejjien ser jingħata t-tarmak. Major patching- triq Santa Marija

iii Is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li l-Garanziji Bankarji tal-kuntratturi tal-Latrina Pubblika u Ġbir ta' Skart Domestiku diġa qegħdin għandna. Garanziji Bankarja

iii.i Fir-rigward tat-tender tal-Ġbir ta' Skart Domestiku, il-Viċi Sindku talab li f'din il-laqgħa jiġi rreġistrat dak li qal fil-laqgħa preċedenti jiġifieri li għalih il-kuntrattur li ħa din it-tender impossibli li bi profit daqshekk baxx ta' €13.97 kuljum jagħmel dan ix-xogħol. Din l-osservazzjoni qed jagħmilha minħabba l-Prekarjat. Talab biex id-dettalji hawn taħt murija jiġu wkoll rreġistrati fil-Minuti. Tender Ġbir ta' skart domesstiku

iii.ii

| | SALVU MIFSUD | WASTE COLLECTION LTD. | RONALD BEZZINA | E. JOHN ZAMMIT | WM ENVIROMENTAL LTD. |
|---|---|---|---|---|---|
| TENDERED | €283.05 | €249.00 | €250.00 | €327.50 | €268.50 |
| CM FEES | €14.10 | €12.45 | €12.50 | €16.38 | €13.43 |
| VAT | €48.23 | €42.58 | €42.75 | €56.00 | €45.91 |
| FUEL | €55.00 | €80.00 | €65.00 | €80.00 | €68.00 |
| LABOUR/ EXPENCES | €100.00 | €100.00 | €100.00 | €100.00 | €100.00 |
| PROFIT /DAY | €64.72 | €13.97 | €29.75 | €75.00 | €41.16 |

iv Rigward it-Tender tal-cold asphalt is-Seg. Eżek. nforma lill-Kunsill li talab linji gwida lid-Dipt Gvern Lokali u li għandu konferma verbali li peress li dan il-Kunsill diġa' ħareġ sejħa u li għaliha ma applika ħadd, f'dan il-każ nistgħu noħorġu sejħa għall-offerta mill-ġdid bid-differenza li din id-darba tkun tkopri sena waħda biss. Tender Cold Asphalt

v Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-Oratorju rċevejna ittra bid-dati proposti li huma 30 t'April ġewwa Ħal Tarxien u fi 2 ta' Mejju ġewwa l-Kon Katedral tal-Mdina. Huwa nforma lill-Kunsill li ser nitolbu sabiex jirriservaw għal Kunsill 2 bankijiet. Oratorju

vi Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Triq Dejma bdiet bħala one way. Huwa qal li l-Kunsill irċieva xi complaints minn xi sidien tal-ħwienet u mhux mir-residenti. Huwa kompla jgħid li min-naħa l-oħra r-residenti rringrazzjawh għaliex it-traffiku naqas u qed ikun iktar mexxej saħansitra fil-qalba tar-raħal. Triq Dejma

vii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ittra għal tibdil u proposti ta' tismija ta' toroq intbgħatet kif miftiehem fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Tismija ta' toroq

viii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ma Triq Ġorġ Caruana hemm daħla mingħajr isem li r-residenti qed jirreferu għaliha bħala privata. Pero sadanittant dawn l-istess residenti qed ikunu moqdija bis-servizzi kollha. Il-Kunsill ser jiċċekja mal-Awtoritajiet jekk hix minnhu li din it-triq hija privata jew le. Daħla fi triq Gorg Caruana

ix Is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li ser tinħareġ it-tender għal Live Streaming. Live Streaming

## 3 Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti) SKEDA

i L-Iskeda ta' Pagamenti ġiet iċċirkolata lill-Kunsillieri kollha.

ii Il-Viċi Sindku s-Sur Paul Farrugia talab sabiex sa laqgħa oħra nkunu upto-date u jiġu pprezentati wkoll l-fatturi kollha flimkien mal-purchase orders.

iii Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku s-Sur Joseph Abela, mis-Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

iv Is-Seg. Eżek. informa lill-Kunsill li hemm il-bżonn li l-Kunsill jiftaħ kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta. Huwa kompla jispjega li minn informazzjoni li kiseb ir-rata ta' nteressi ser tkun waħda vantaġġjuża għal Kunsill. Kontijiet mal-BOV

Il-Viċi Sindku Paul Farrugia ppropona u l-Kunsillier K. Darmanin issekonda li l-Kunsill jaqleb u jibda jutilizza l-BOV.

v Is-Seg. Eżek. staqsa lill-Kunsill jekk f'każ ta' kuntratturi jistgħux isiru ħlasijiet bejn laqgħa u oħra. Il-Viċi Sindku qal li ma jaqbilx.

Ġie deċiż li l-Kunsill jibqa miexi bl-istess proċedura li pagamenti jsiru biss wara li l-Iskeda ta' Pagamenti tiġi mgħoddija minn laqgħa tal-Kunsill.

vi Is-Seg. Eżek. qal li l-ANSEK resqet proposta sabiex is-sistema tal-permessi tiġi kompjuterizzata. L-istima annwali tkun għal madwar €2300. Sistema Kompjuterzzat a tal-Pagamenti

Il-Viċi Sindku talab lis-Seg. Eżek. jiċċekja mal-AKL jekk nistawx nipproċedu f'dan ir-rigward u fil-każ li jkollna risposta pożittiva jaqbel li ssir.

Il-Kunsill qabel ma dak propost mill-Viċi Sindku.

## 4 <u>Rapport tal-Kunsillieri</u>

*Rapport mill-Viċi Sindku Paul Farrugia*

i Is-Sur Farrugia qal li jrid jirreġistra l-ħsara li saret meta l-paviment tan-natural hardstone fi Ġnien Ovindoli ġie miżbugħ biż-żebgħa. Is-Sindku rrimarka li ma saritx ħsara imma xogħol ta' tindif. Żebgħa fuq il-paviment tal-hardstone

ii Is-Sur Farrugia rrimarka li ż-żebgħa li ntużat biex inżebgħat l-art tal-CretePrint f'Misraħ ir-Raħeb mhix l-istess kulur li kienet qabel. Is-Sindku wieġeb li żebgħa ta' l-istess kulur ma teżistix u pprova jqabbel kulur fuq l-istess skala. Żebgħa b'kulur differenti

iii Il-Viċi Sindku rrimarka li x-xogħol ta' tindif tal-ġonna għadu qed isir mil-ħaddiema tal-Kunsill meta l-Kunsill qed iħallas kuntrattur li suppost jagħmel dan. Tindif ta' Ġonna

iii.i Is-Sindku wieġeb li qabel it-tindif tal-ġonna ma kienx isir għax saħansitra f'każ partikulari siġra mejta intelqet ġol ġnien għal 3 xhur. Dan ix-xogħol ta' tindif issa qed isir mill-ħaddiema tal-Kunsill flimkien mal-ħaddiema li għandu assenjati miegħu l-Kunsill.

iii.ii Il-Viċi Sindku nsista li ma jaqbilx li xogħol li suppost jagħmlu kuntrattur jibqa jsir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali.

Iv Il-Viċi Sindku nnota li l-Kunsill għadu qed jixtri ħafna boroż tat-tarmak imbagħad isir il-patching mill-ħaddiema tal-Kunsill u jinkera r-romblu. Meta s'issa l-Kunsill għadu qatt ma ġie ppreżentat kont tar-romblu. Huwa rrimarka li bħalissa l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jikkompara jekk il-Kunsill jaqbillux jixtri l-boroż u jikri r-romblu u jagħmel il-patching bil-ħaddiema tiegħu jew li jqabbad il-kuntrattur u jagħmel ix-xogħol komplut. Xogħoll ta' patching

iv.i Is-Sindku talab lis-Seg. Eżek. sabiex sa' laqgħa oħra li jmiss jitlob lill-kuntrattur jagħtina l-kont tal-kiri tar-romblu.

v Rigward t-traffic management fi Triq Żejtun , il-Viċi Sindku rrimarka li dak il-proġett kien ġie propost fi żmien l-Kunsill preċedenti pero l-Kunsill dak iż-żmien ma kienx qabel mal-pjanti li t-TM kienet qed tipproponi. Saħansitra t-TM baqgħet qatt ma tat tweġiba għal-aħħar claim li konna għamilna. Traffic Management fi Triq Żejtun

v.i Is-Sindku rrimarka li għal dan ix-xogħol il-Kunsill qatt ma kien ikkonsultat. Safrattant ix-xogħol inbeda u s-Sindku nduna bih b'kumbinazzjoni għaliex għadda mit-triq tard bil-lejl u sab il-bankina diġa' maqlugħa. L-għada fil-għodu ċempel lil Perit ta' TM u talabha spjegazzjoni. Ftehmu u ltaqaw fuq il-post. Hija tatu pjanta tal-proġett propost.

v.ii Is-Sindku qal li saħansitra għamel kopja tal-pjanta u għamel ittra u qassamha lir-residenti kollha tal-akkwata.

v.iii Ġie propost li l-Kunsill jikteb ittra lil TM sabiex qabel ma jsir kwalunkwe xogħol fir-raħal il-Kunsill għandu jkun ikkonsultat fi kwalunkwe mument.

vi Il-Viċi Sindku qal li jistenna li qabel ma jsir ċerta xogħol bħala Kunsill, il-Kunsill għandu jkun ikkonsultat. Dan anke ħabba l-istess residenti, wieħed ikun jaf xi jwieġeb. Konsultazzjoni mal-Kunsill kollu

*Rapport mil-Kunsillier Frans Agius*

i Is-Sur Agius qal li l-konkors letterarju miexi. Konkors Letterarju

ii Is-Sur Agius qal li l-Kunsill Skolastiku tal-iSkola San Thomas Moore li tiegħu huwa President għamel l-ewwel laqgħa u kkonferma li huma lesti li jaħdmu id f'id mal-Kunsill Lokali. President Kunsill Skolastiku

iii Is-Sur Agius qal li rċevejna l-invoice mingħand it-TCTC sabiex għas-sajf li ġej isiru l-korsijiet tal-kompjuter għat-tfal. Dan jifforma parti mill-kuntratt iffirmat diġa bejn il-Kunsill Lokali u t-TCTC. TCTC

*Rapport Mill-Kunsillier Keith Darmanin*

i. Is-Sur Darmanin qal li kellu laqgħa mal-Ispettur il-ġdid tad-Distrett s-Sur Frans Micallef. **Spettur ġdid**

Ii Huwa qal li ser issir Laqgħa Pubblika flimkien mal-Ispettur nhar is-Sibt 12 t'April. **Laqgħa għall-Pubbliku**

iii L-aerobics waslet fl-aħħar session u issa jmiss li tibda Zumba kull nhar ta' Ġimgħa fi 6.00pm fil-Ground. L-ewwel lezzjoni tkun nhar il-Ġimgħa 4 t'April 2014. **Zumba**

iv Is-Sur Darmanin qal li minħabba ċirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom ix-show tal-Mustang kellu jitħassar. **Show tal-Mustang**

v Rigward il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ bħalissa huwa wieqaf għal fatt li l-aħħar żewġ laqgħat li kellu m'attenda ħadd. Huwa kompla jgħid li meta għamel kuntatt mal-Aġenzija taż-Żgħażagħ sab li fil-lista kien hemm miktubin żgħażagħ li lanqas biss kienu jafu li kienu nklużi fil-lista. **Kunsill taż-Żgħażagħ**

v.i Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa sabiex sa laqgħa oħra li jmiss nivverfikaw x'hemm eżatt mniżżel fil-Kuntratt.

vi Is-Sur Darmanin qal li l-laqgħa li saret għall-pubbliku dwar l-abbuż tad-droga saret u kienet suċċess.

Laqgħa fuq l-abbuż tad-droga

*Rapport mill-Kunsillier Doris Vella*

i Is-Sinj. Vella qalet li għall-ħarġa għax-xahar ta' Marzu fid-Danish Village kien hemm attendenza tajba ħafna.

Ħarġa Danish village

ii Is-Sinj. Vella qalet li dwar l-attivita' li kellhom fl-Iskola tas-Sorijiet ħadu pjaċir ħafna u kienet interessanti immens. Ser jintbgħatu xi ritratti sabiex jiġu ppubblikati fil-fuljett li jmiss

Attivita fl-iskola tas-Sorijiet

iii Is-Sinj. Vella qalet li nhar il-Ħamis 6 ta' Marzu ġewwa sala ta' Dar Nazareth saret attivita' oħra għal anzjani.

iv Is-Sinj. Vella qalet li għal Ġunju ser tipprova torganizza ġurnata għal Sqallija. Bħalissa qegħda tiġbor xi kwotazzjonijiet.

Ġurnata Sqallija

v Is-Sinj. Vella qed tipprepara attivita' oħra fl-24 ta' April 2014 il-Peppi's tas-Sliema

Ħarġa li jmiss

## 5 Ħwejjeġ Oħra

i Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Enemalta approvat li jiġu nstallati ż-żewġ arbli b'żewġ floodlights fuq kull wieħed fi Pjazza Agatha Barbara. Is-Sindku ppropona li biex niffrankaw il-flus, hemm żewġ arbli fi Ġnien Joanne li kienu saru għal cameras u li issa mhux jintużaw fejn jistgħu jinqalgħu minnhemm u jitwaħħlu fi Pjazza Agatha Barbara. Il-Viċi Sindku ssekonda li jsir hekk.

Pjazza Agatha Barbara

Il-Kunsill qabel.

ii Is-Sindku qal li rċevejna email mingħand il-kuntrattur li ħa ħsieb l-embellishment bejn il-blokki f'Luqa road fejn qed jitolbu ħlas ta' €322 bħala differenza fil-prezzijiet tal-bankijiet peress li l-mudelli nstallati kienu jiswew iktar milli kkwotati.

Differenza fil-prezz tal-bankijiet

Il-Kunsill qabel unanimament li titħallas dinn id-differenza.

iii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna mingħand il-GREENPAK li dan il-Kunsill tela' fi 18-il post fost l-irħula li l-iżjed jisseparaw l-iskart.

GREENPAK

iii.i Is-Sindku ssuġġerixxa li jinħareġ flyer informattiv li fih ikun hemm ir-rotta tal-knis u li jitqassam f'kull residenza. Huwa qal li ser jitlob lill-GREENPAK sabiex jisponsorjaw l-istampar tiegħu.

Fuljett informattiv

iv Is-Sindku qal li minflok li Triq l-Annunzjata k/m Triq Paola tinbidel minn kif inhi bħalissa jiġifieri minn Triq Paola tidħol għall-Annunzjata, qed jissuġġerixxi li nitolbu lill-TM tikkunsidra li ssir crash barrier taħt il-bankina.

Crash barrier triq l-Annunzjata

Il-Kunsill qabel mas-Sindku.

v Is-Sindku qal li l-Onor Buontempo Seg. Parl għall-Isports nieda skema sabiex il-Kunsilli Lokali jidentifikaw zoni fejn jistgħu jsiru open air gyms, nippruvaw nagħmlu pjanta tal-embellishment li ser isir imbagħad is-Segretarjat jinsponsorjaw l-equipment. Is-Sindku ssuġġerixxa li dan il-proġett jsir fi Ġnien Kurunell Mass. Huwa qal li ser ikellem lill-Perit tal-Kunsill sabiex sa laqgħa oħra li jmiss jipprepara l-istima u l-pjanta neċessarja. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta tas-Sindku.

Open air gym

vi Is-Sindku nforma lill-Kunsill li assenjati mal-Kunsill hemm 2 inmates li tagħhom huwa responsabbli hu li ta' kuljum jgħaddi għalihom filgħodu u jerġa jwassalhom wara nofsinhar.

Inmates

vii Is-Sindku ssuġġerixxa li nhar Ħadd il-Għid tittellgħa Festa Figolla. Ser nitolbu lill-Iskejjel jidentifikawlna kemm hemm tfal Tarxiniżi jattendu l-iskola. Ladarba jkollna n-numru ser jinħareġ l-invit lil dawn it-tfal li jridu jippreżentawh sabiex jingħataw il-figolla. F'din l-istess attivita' ser isir it-tberik ta' dawn il-figolli mill-kappillan. Tqassim u tberik tal-figolli

Il-Kunsill Lokali mhux ser jidħol fi spejjeż għall-fatt li dawn il-figolli ser ikunu sponsorjati.

vii Is-Seg. Eżek. qal li dwar il-pagament tal-All Diesels Ltd irriżulta li dan il-pagament kien sar imma ċ-ċekk qatt ma ssarraf. Għalhekk qed jissuġġerixxi li dan il-pagament jerġa jinħareġ. All Diesels Ltd

Viii Is-Sindku rringrazzja lis-Seg. Eżek. tax-xogħol siewi li għamel fejn kien preżenti l-ħin kollu sabiex il-kuntrattur jimxi ma' dak mitlub lilu.

viv Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li min għandu xi materjal għal fuljett irid jippreżentah sa' l-aħħar tax-xahar. Il-fuljett ser joħroġ għal Mejju. Fuljett

**6 Għeluq tal-Laqgħa**

i Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm.

ii Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 29 t'April 2014 fil-5.30pm

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**